MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tat-12 ta' Awwissu, 2010

Numru. 827/2010

**Il-Pulizija**
**[Spettur Joseph Hersey]**

**vs**

**Yassir Saad Hassan Bayoumy**

**Illum, 12 ta' Awissu, 2010**

**Kumpilazzoni Numru: 827/2010**

**Il-Qorti**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Yassir Saad Bayoumy, ta' 34 sena, iben Saad u Aziza, imwieled l-

Egittu fis-7 ta Gunju 1976, u detentur tal-passaport Egizzjan b'numru 4110517.

Akkuzat talli fl-10 ta' April, 2010, bil-hsieb li jaghmel delitt, ikkuntratta zwieg ( ma' Frances Gatt ID 515164(M) ) meta l-iskop uniku fl-ikkuntrattar taz-zwieg kien li jikseb cittadinanza Maltija, jew l-liberta ta' Moviment f'Malta, jew permess biex jahdem jew biex jirrisjedi f'Malta, jew id-dritt li jidhol f'Malta jew id-dritt li jikseb kura medika f'Malta (Kapitolu 255 artikolu 38(1) tal-Ligijiet ta' Malta).

U aktar, talli fl-10 ta' Awissu, 2010, u fil-jiem ta' qabel din id-data assocja ruhu flimkien ma xi persuna jew persuni ohra f' Malta jew barra minn Malta bil-ghan li jaghmlu delitt f'Malta (reat bi ksur ta' l-artikolu 38(1) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta) li ghalih hemm il-piena ta' prigunerija, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 48A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli sar recidiv b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati ta' Malta (Magistrat Dr. Michael Mallia 09/07/09), liema sentenza hija definittiva u ma tistax tigi mibdula (Kapitolu 9 artikolu 49 tal-Ligijiet ta' Malta).

Rat l-artikoli 48A u 49 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 38 tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta'l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellhux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma llum l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Rat il-verbal ta'l-udjenza mizmuma llum meta, ghar-ragunjiet hemm indikati, l-ufficjal prosekutur irtira t-tielet imputazzjoni.

Rat id-dokumenti esebieti.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi t-tielet imputazzjoni giet irtirata, il-Qorti ghalehkk ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri  taghha.

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet l-ohra migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura ta’l-imputazzjonijiet li taghhom l-imputat qed jinstab hati, l-koperazzjoni tieghu mal-pulizija u l-ammissjoni f’l-aktar stadju bikri ta’ dawn il-proceduri, kif ukoll ic-cirkostanzi partikolari ta’ dan il-kaz.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-artikoli 48A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u 38 tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta’ Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta’l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tikkundannah sena (1) prigunerija li b’applikazzjoni ta’l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta  qed tigi sospieza ghal perjodu ta’ erbgha (4) snin.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju r-responsabbilta tieghu u x’jigri jekk jikkommetti reat iehor fil-perjodu fuq imsemmi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------